MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 949/1999/1

**Lifts Services Ltd.**

**vs**

**Dr. Dominic Cassar u l-P.L. Joanna Dingli nominati permezz ta' digriet tal-hdax (11) ta' Mejju, 1999 kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw is-Socjeta' estera Maspero Elevatori S.A.S.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet li hija timporta u tinstalla f'Malta diversi tipi ta' "Lifts u Elevators" u ilha f'dan in-negozju ghal bosta snin;

Premess illi is-socjeta' attrici kienet interessata tippartecipa fil-progett ta' zvilupp li llum jgib l-isem "Portommaso" u qieghed jinbena fuq is-sit li sa ftit ilu kienet tospita il-lukanda "Malta Hilton International" u ghal dan il-fini s-socjeta' attrici fis-sena 1997 ntraprendiet negozjati mas-socjeta' konvenuta ghal fornitura ta' tip partikolari ta' "lifts" u cioe ta' "inclined lifts";

Premess illi s-socjeta' konvenuta permezz ta' skrittura datata sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 1997, kopja taghha giet annessa u mmarkata dok. LS1, intrabtet li tbiegh, tikkonsenja u tassisti esklussivament lis-socjeta' attrici fit-territorju ta' Malta ghad-eskluzjoni ta' kull socjeta' ohra Maltija u dana ghar-rigward il-prodotti u l-lifts taghha u partikolarment dawk ta' "inclined lifts" ghal progett fuq premess kif tixhed kategorikament l-iskrittura annessa;

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghogobha ma tirrispettax it-termini ta' l-iskrittura tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 1997 bla ebda gustifikazzjoni u raguni valida fil-ligi, anzi ghal kuntrarju ghazlet li tintraprendi negozju ma' socjeta' ohra lokali kompetitur tas-socjeta' attrici u dana konsapevolment ta' l-obbligi taghha fil-konfront tas-socjeta' attrici;

Premess illi dan l-agir da parte tas-socjeta' konvenuta kkaguna danni lis-socjeta' attrici u li minkejja nterpelazzjonijiet da parte tas-socjeta' attrici ghal hlas ta' dawn id-danni din baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li s-socjeta' konvenuta naqset li tirrispetta u li tonora l-obbligi taghha versu s-socjeta' attrici.

2. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta' attrici nkwantu li ma rrispettatx l-obbligi minnha assunti.

3. tillikwida, okkorrendo anke permezz ta' periti nominandi, d-danni hekk kkagunati versu s-socjeta' attrici.

4. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas fi zmien qasir u perentorju lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez nkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Nru. 1948/99 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 2102/99 li qieghed jigi pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-imghax legali mid-data tal-ksur tat-termini kontrattwali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3;

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati** a fol. 26 fejn eccepew:

1. Illi, preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti skond l-Artikolu 742(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet;

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn, ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet;

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-obbligi ta' esklussivita' li skond is-socjeta' attrici huwa l-obbligu li l-istess konvenuti ma rrispettawx u li taha lok ghal danni jmur kontra l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Att XXXI tal-1994) peress illi jimpedixxi, jrazzan u/jew ixekkel il-kompetizzjoni fuq is-suq Malti u ghalhekk skond l-istess Att kwalsiasi obbligazzjoni ta' din in-natura hija *ipso iure* nulla u mhux ezegwibbli; ghalhekk l-attrici ma tistax tirreklama danni a bazi ta' obligazzjoni nulla *ad inizio*.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-attrici trid tipprova illi s-socjeta' konvenuta naqset minn xi obbligu u li dan in-nuqqas ikkawza d-danni.

5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, l-esponenti jiddikjaraw illi f'dan l-istadju ghadhom mhumiex edotti mill-fatti mertu tal-kawza u jirrizervaw illi jintavolaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jigu edotti minn dawn il-fatti.

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 38 fejn il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kuraturi u ddikjarat li l-Qorti ghandha gurisdizzjoni (fol. 51);

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 79 fejn il-Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni (ara fol. 85);

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 96 fejn il-Qorti cahdet it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti (ara fol. 102);

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq il-mertu.

Il-konvenuti kuraturi nformaw lill-Qorti li huma kienu kkomunikaw ma' Dott. Ricardo Maspero ghal Maspero Elevatori S.A.S. (ara fol.  77) izda ma rcevew ebda risposta jew komunikazzjoni minghandu.

Illi l-Qorti kien cahdet l-eccezzjonijiet li kienu pprezentaw il-kuraturi u fadal biss il-kwistjoni dwar id-danni li qed jitolbu l-atturi.

Illi l-atturi ipprezentaw id-dokument a fol. 68 datat 5 ta' Settembru 1997 fejn il-konvenuti kienu assikuraw lill atturi

li huma "*in case of order, will reward your efforts in reference of the above mentioned project, as per previous agreement*" (ara dok a fol. 6).

Illi l-atturi qed isostnu li l-konvenuti ma kienux irrispettaw it-termini ta' l-iskrittura msemmija u ntraprendew negozju u x-xoghol ma socjeta' ohra lokali kompetitur tas-socjeta' attrici u b'hekk ikkagunawlhom danni. Dana ma giex kontestat.

L-atturi kienu qed jitolbu 10% *commission of the contract value of the inclined lift for the Hilton Project* (ara fol. 69 para c).

B'ittra datata 18 ta' Marzu, 1999 l-atturi talbu minghand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' Lm10,000 jew 46 Millioni taljani bhala danni (ara fol. 71) li allegatament huma sofrew minhabba n-nuqqas tal-konvenuti li jonoraw l-obbligi minnhom assunti.

L-atturi pprezentaw id-dokument a fol. 88 li hija l-istima li l-konvenuti kienu offrew tramite l-atturi ghal *one fully automatic inclined lift* ghall prezz ta' Lm49,785.00. Dan jidher li kien l-uniku progett konkret li gie prezentat mill-atturi ghall konvenuti. Jekk wiehed jikkalkola 10% fuq dana l-ammont, dana jaghti l-figura ta' Lm4,978.50 bhala *commission*.

L-atturi semmew li ghamlu xoghol fuq progetti ohra; per ezempju qalu li kellhom laqghat mal Perit, ghamlu disinji, u spejjez ta' vjaggar, izda huma ma pprezentaw ebda dokumentazzjoni biex jissostanzjaw dawn it-talbiet u ghalhekk fin-nuqqas ta' dina l-prova l-Qorti ma tistax tillikwida ammonti ohra li jistghu jkunu dovuti lill-atturi.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-atturi huma intitolati biss ghall Lm4,978.50 bhala danni li huma sofrew minhabba n-nuqqas tal-konvenuti li joqghodu ai termini tal-ftehim ma l-atturi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-moviti
il-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara li s-socjeta' konvenuta naqset li tirrispetta u li tonora l-obbligi minnha assunti fil-konfront tas-socjeta' attrici;
tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ghalhekk hija responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta' attrici nkwantu li ma rrispettatx l-obbligi minnha assunti;
tillikwida s-somma ta' Lm4,978.50 bhala danni hekk ikkagunati versu s-socjeta' attrici u tikkundanna lill is-stess socjeta' konvenuta thallas dawn id-danni lis-socjeta' attrici.
Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------